MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1074/2002/1

**Avviz Numru 1074/02 AJD**
**Ronald u Carmen konjugi Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem 'STAINLESS STEEL WORKS'**

**vs**

**Darren Debono u Nicholsons The Supermarket Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm524.50) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala hlas fuq xoghol u materjal ta' 'stainless steel' ordnat mill-konvenut Darren Debono ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u kkonsenjat lilhom skond kif jirrizulta mill-fattura mmarkata bhala Dok. 'A'.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Paula Vella, in rappresentanza tal-atturi, li kkonfermat  li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm524.50), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**